



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 8.1.2018
JOIN(2018) 1 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Elementi għal strateġija tal-UE għall-Iraq

Introduzzjoni

Il-poplu Iraqui, il-Gvern tiegħu u l-forzi armati tiegħu, flimkien ma' appoġġ internazzjonali mill-Koalizzjoni Globali kontra Da'esh¹ temmew b'suċċess il-kontroll effettiv tad-Da'esh fl-Iraq. Sa mill-2003 u qabel il-pajjiż sofra minn snin ta' kunflitt, iżda l-atti ta' terror tad-Da'esh mill-2014 'l hawn kienu l-aktar manifestazzjoni waħxija ta' vjolenza interna s'issa. L-Iraq issa jrid jaħtaf l-opportunità li għandu biex jibni sistema politika inklużiva u responsabbli li sservi lill-komunitajiet u lir-reġjuni kollha kif ukoll lil kull twemmin, jippreserva d-diversità tal-pajjiż, u jsaħħaħ l-ordni demokratiku. Dan huwa essenzjali biex terġa' tinbena l-fiduċja bejn il-poplu u l-Gvern tiegħu u biex jiġi evitat li l-pajjiż jirritorna għas-settarjaniżmu u s-separatiżmu diviżivi.

It-tliet snin ta' taqbidha kontra d-Da'esh kellhom riperkussjonijiet gravi fuq il-pajjiż. Dan jinkludi l-ħafna vittmi ċivili u militari, tbatija u trawma umana fuq skala wiesgħa, il-miljuni ta' persuni li għadhom spostati, il-qerda tan-nisgħa soċjali, speċjalment fost il-komunitajiet milquta mill-kunflitt, il-qerda estensiva tal-infrastruttura pubblika u privata, u sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja prekarja. Issa l-Gvern u poplu tal-Iraq għandhom quddiemhom ħafna sfidi. Huwa vitali għall-Iraq, għall-Lvant Nofsani, u għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi – li kollha ħassew il-konsegwenzi tal-kriżi u jiġu affettwati b'mod negattiv jekk tkompli l-instabbiltà fl-Iraq – li l-Iraq jegħleb dawn l-isfidi.

B'mod partikolari, l-UE għandha interess vitali biex tiżgura li l-Iraq joħroġ mill-kriżi aktar b'saħħtu. In-nuqqas li jiġu indirizzati l-kawżi primarji tal-kriżi jippreġudika l-unità tal-pajjiż, is-sigurtà tiegħu, l-ordni demokratiku tiegħu, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku tiegħu, u jdgħajjef l-isforzi għar-riforma u rikonċiljazzjoni li qed jagħmel il-Gvern Iraqui. Xenarju bħal dan x'aktarx li jiggrava l-firda settarja u t-tensjonijiet etniċi. Dan mhux biss jippermetti li l-Iraq jibqa' kenn għat-terroriżmu li jikkostitwixxi theddida diretta u kontinwa għas-sigurtà tal-UE, iżda jdaħħal lill-pajjiż fi kriżi ġdida b'riperkussjonijiet umanitarji li jistgħu jħallu impatt fuq il-pajjiżi ġirien u fuq l-UE, b'mod partikolari fil-forma ta' migrazzjoni irregolari. Għalhekk huwa essenzjali li l-UE u l-komunità internazzjonali jibqgħu impenjati fl-appoġġ lill-Iraq f'dan iż-żmien kritiku.

Billi hija bbażata fuq il-miri usa' tal-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-UE² u filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali tal-UE tal-2015 għas-Sirja u l-Iraq, kif ukoll it-theddida tad-Da'esh³, din il-Komunikazzjoni hija l-pass naturali li jmiss fl-impenn tal-UE biex timxi lil hinn mit-taqbida territorjali kontra d-Da'esh u tiffoka fuq il-modi li bihom tista' tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li l-Iraq qed jiffaċċa bħalissa. Hija twieġeb għat-talba tal-Kunsill Affarjiet Barranin tal-UE tad-19 ta' Ġunju 2017⁴ sabiex ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jippreżentaw strateġija li taġhti

¹ <http://theglobalcoalition.org/en/home/>

² <https://europa.eu/globalstrategy/en/global-strategy-foreign-and-security-policy-european-union>

³ https://eeas.europa.eu/sites/eeas/files/20150206_join_en.pdf

⁴ <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2017/06/19/conclusions-iraq/>

gwida dwar il-passi li jmiss rigward l-involvement tal-UE mal-Iraq. Din l-istrateġija għall-Iraq għandha tliet għanijiet ewlenin:

- 1) li tiddefinixxi l-isfidi konsiderevoli li qed jiffaċċa l-Iraq;
- 2) li tidentifika l-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-Iraq;
- 3) li tidentifika l-prijoritajiet għall-azzjoni tal-UE, filwaqt li tkompli tibni fuq l-appoġġ eżistenti, billi primarjament tiffoka fuq l-appoġġ tal-UE għall-aktar sfidi immedjati ta' spostament kontinwat, stabilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni, b'konformità mal-prijoritajiet tal-Gvern Iraqi. Is-suċċess tal-implimentazzjoni tal-istrateġija finalment se jiddependi fuq ir-rieda politika ta' dawk li jfasslu l-politika tal-pajjiż.

1. L-isfidi li qed jiffaċċa l-Iraq u l-kuntest reġjonali

1.1 L-isfida umanitarja, u dik tal-governanza lokali u tal-istabbilizzazzjoni: L-Iraq qed iħabbat wiċċu ma' sfida umanitarja massiva u immedjata. It-tliet snin ta' kunflitt madwar il-pajjiż irriżultaw fi vjolazzjonijiet ta' orrur tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem għall-popolazzjonijiet lokali, inklużi l-minoranzi, li x'aktarx jikkostitwixxu reati kontra l-umanità, u li kellhom impatt serju fuq in-nisġa soċjali tal-pajjiż. **Iktar minn tliet miljun Iraqi għadhom spostati internament, u aktar miljuni għadhom fi bżonn serju ta' assistenza umanitarja.** Dan jinkludi gruppi vulnerabbli bħal tfal li ilhom għal diversi snin mingħajr edukazzjoni full-time u nisa vittmi ta' vjolenza sesswali. B'riżultat tal-kunflitt hemm **qerda mifruxa tal-infrastruttura ċivili**, inklużi s-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma, il-faċilitajiet mediċi u l-iskejjel, u din wasslet ukoll għal skarsezzi gravi tas-servizzi essenzjali. Il-kunflitt kellu wkoll impatt sinifikanti fuq l-ambjent, minħabba t-tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art, b'effetti korrispondenti fuq is-saħħa tan-nies u l-mezzi ta' għajxien.

L-ewwel sforzi tal-Iraq u tal-komunità internazzjonali biex jistabbilizzaw iż-żoni liberati kisbu progress sinifikanti: żewġ miljun persuna spostata diġà rritornaw lejn il-postijiet ta' oriġini tagħhom, fil-parti l-kbira b'mod paċifiku u ordnat. Madankollu għad fadal ħafna xi jsir biex it-tliet miljun ċittadin spostati li għad fadal jaslu lura d-dar. Sabiex jippermetti r-ritorn lejn darhom ta' ċittadini spostati b'mod sikur, volontarju, dinjituż u mhux diskriminatorju, il-Gvern Iraqi jeħtieġ li jipprovdi sigurtà, jieħdu azzjoni għat-tneħħija tal-mini, jirrestawra s-servizzi u l-infrastruttura bażiċi, jipprovdi opportunitajiet favur il-mezzi ta' għajxien, kif ukoll b'mod urġenti jiggarantixxi l-forniment ta' governanza ċivili li hija responsabbli u rappreżentattiva fiż-żoni liberati sabiex terġa' tissawwar il-fiduċja. Huwa kruċjali wkoll li jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mad-dokumentazzjoni tal-identità, id-drittijiet tal-akkomodazzjoni, tal-art u tal-proprjetà biex ikun żgurat li tirnexxi l-istabbilizzazzjoni fit-tul. Din il-ħidma se tinvolvi sfidi politiċi, ta' sigurtà, finanzjarji u loġistiċi. F'ċerti żoni liberati reċentement diġà kien hemm diffikultajiet biex jerġa' jiġi stabbilit l-istat tad-dritt f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex il-proċessi ta' stabbilizzazzjoni u ta' rikostruzzjoni jkunu effettivi, jeħtieġ li jiġu abbinati mal-isforzi biex tinkiseb rikonċiljazzjoni politika u biex

jìgu indirizzati l-ilmenti u l-vulnerabbiltajiet li ffaçilitaw l-emerġenza tad-Da'esh. Dan ukoll sabiex jìgi mmitigat kull riskju li dawn il-proçessi huma stess isiru katalist għal aktar tensjonijiet bejn il-komunitajiet.

1.2 L-isfida għas-sigurtà hija doppja: li s-soçjetà Iraqina tiġi protetta mill-attakki terroristiçi kontinwi, u li tingħeleb il-frammentazzjoni *de facto* tal-istrutturi ta' sigurtà. Il-kollass ta' partijiet kbar mill-armata Iraqina fl-2014 fil-konfront tal-espansjoni rapida tad-Da'esh ġiegħel lill-awtoritajiet politiçi u reliġjużi Iraqin biex jinkoraġġixxu liç-ċittadini Iraqin jingħaqdu ma' gruppi armati ġodda jew eżistenti, taħt l-umbrella tal-“Forzi Popolari ta' Mobilizzazzjoni”, bħala mezz urġenti u eçcezzjonali sabiex jingħata appoġġ lill-forzi ta' sigurtà Iraqin biex titwaqqaf l-espansjoni tad-Da'esh u jìgi riklamat it-territorju mitluf. L-Iraq żamm nukleu ta' armata nazzjonali kkwalifikat ħafna iżda zġhir li se jeħtieġ aktar appoġġ strutturali. Il-forzi tal-Gvern Iraqin inklużi l-Peshmerga tar-Reġjun tal-Kurdistan tal-Iraq, irçewew appoġġ internazzjonali sinifikanti, inklużi materjal u taħriġ għall-ġlieda immedjata kontra d-Da'esh. Madankollu wara snin ta' kunflitt, li ġġeneraw rispons militarizzat tal-pulizija, hemm bżonn ta' riforma tal-pulizija Iraqina sabiex din tappoġġa azzjoni tal-pulizija çivili li tkun orjentata lejn l-istat tad-dritt u responsabbli, li tkun tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u tibni l-fiduçja fost il-komunitajiet kollha. **Riforma effettiva u profonda tas-settur tas-sigurtà** kemm fl-isfera militari kif ukoll çivili **saret prijorità urġenti**, sabiex jìgu kkonsolidati l-prerogattivi u l-leġittimità statali, u biex ikun jista' jsir kontroll effettiv tat-territorju u t-trażżin ta' theddidiet terroristiçi u kriminali. Dan se jkollu jinkludi mekkaniżmi xierqa għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-soçjetà ta' parti kbira mis-soldati mobilizzati. Il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt u t-titjib tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem huma essenzjali wkoll biex jìgi limitat ir-riskju ta' çikli ta' vjolenza fil-futur.

1.3 L-isfida politika: Is-suçcess inizzjali ta' Da'esh kien sa çertu punt jirrifletti l-frammentazzjoni politika tal-Iraq wara s-sitwazzjonijiet ta' kriżi preçedenti, u fil-fatt din saħħitu aktar. Il-preservazzjoni u t-tiħiħ tal-unità, is-sigurtà u l-iżvilupp tal-pajjiż huma għalhekk importanti daqs qatt qabel: **kemm ir-riforma politika kif ukoll r-rikonçiljazzjoni nazzjonali** għandhom jibqgħu **fil-qalba tal-isforzi tal-awtoritajiet politiçi Iraqin**. Il-Gvern diġà stabbilixxa, f'Settembru 2014, programm ta' riforma ambizzjuż sabiex jindirizza l-aktar ħtiġijiet urġenti; dan il-pjan jeħtieġ li jìgi attwat f'kull livell tal-pajjiż. Il-pilastru tal-programm huma l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u d-distribuzzjoni ġusta tal-ġid nazzjonali, il-konsolidament tal-istat tad-dritt u l-konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem, u l-isforzi biex tinkiseb ir-rikonçiljazzjoni nazzjonali u l-inklużività politika. Madankollu, l-implimentazzjoni tiegħu ddewmet mhux biss mill-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq il-kampanja kontra d-Da'esh, iżda wkoll minn firdiet politiçi fil-pajjiż u mill-isfida ta' korruzzjoni u nepotiżmu li ilha żmien twil u diffuża sew. Filwaqt li jibni fuq l-inizjattivi li diġà ħa, se jkun kruçjali għall-Gvern Iraqin biex jirrestawra l-fiduçja fis-sistema politika, jegħleb il-frammentazzjoni u jikkonsolida l-għaqda tal-pajjiż. Politika nazzjonali komprensiva dwar ir-riintegrazzjoni soçjali, politika u ekonomika tal-popolazzjonijiet, b'mod partikolari fiż-żoni milquta mill-kunflitt, u mhux biss politika ta' ritorn, hija essenzjali, sabiex jìgi evitat li jirrepetu ruħhom il-kundizzjonijiet li wasslu għall-qawmien tad-Da'esh. **Is-sitwazzjoni ta' bosta minoranzi fl-Iraq** ukoll jeħtieġ li tiġi indirizzata b'urġenza, sabiex tiġi ppreservata d-

diversità tas-soċjetà Iraqina kif ukoll l-unità u l-istabbiltà tagħha. Se jkun essenzjali wkoll li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali f'żoni mhux affettwati direttament mill-konflitt, inkluż fin-Nofsinhar tal-pajjiż, peress li progress bilanċjat u l-iżvilupp madwar il-pajjiż kollu se jkunu essenzjali għall-istabbiltà tiegħu. Impenn imġedded biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi nnegozjati għal tilwim li ilu żmien twil u anki aktar reċenti huwa essenzjali għall-istabbiltà fit-tul tal-pajjiż. Prijorità urġenti hija li tingħata għajnuna biex **ir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Federali u l-Gvern tar-Reġjun tal-Kurdistan** jitqiegħdu fuq bażi vijabbli u stabbli permezz ta' djalogu kostruttiv dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha li jirrigwardaw il-politika, is-sigurtà u l-ekonomija. Il-prinċipju gwida ta' tali djalogu għandu jkun li l-partijiet jevitaw azzjonijiet unilaterali u jfittxu l-implimentazzjoni sħiħa tal-kostituzzjoni tal-Iraq.

1.4. L-isfida ekonomika u finanzjarja: Ir-riformi politiċi u r-rikonċiljazzjoni jeħtieġ li jkunu mirfuda minn politiki koerenti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali li jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini Iraqini kollha, abbażi ta' mudell ġust ta' distribuzzjoni tal-ġid u ta' ekwità interġenerazzjonali. Id-dħul miż-żejt fl-Iraq, sa issa naqas milli jiġġenera effetti ta' benefiċċju għall-pajjiż kollu, minħabba t-tfittxija ta' redditu, l-inefficijenzi tal-intrapriżi tal-istat, konċentrazzjoni fuq konsum ta' terminu qasir permezz ta' settur pubbliku ta' kobor eċċessiv u korruzzjoni rampanti. B'riżultat ta' dan l-Iraq qed jiffaċċa vulnerabbiltajiet makroekonomiċi persistenti li jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod urġenti peress li **qafas fiskali u monetarju sod huwa fattur deċiżiv għall-istabbiltà fil-pajjiż**. L-Iraq huwa kklassifikat bħala pajjiż bi dħul medju superjuri, iżda din il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita*, li waqa' minn Dollari Amerikani (USD) 7,021 fl-2013 għal USD 4,533 fl-2016, u ma jirriflettix ir-realtà evidenti li kwart tal-popolazzjoni llum tgħix taħt is-sol tal-faqar. Matul dawn l-aħħar tliet snin, iż-żieda fil-produzzjoni taż-żejt li laħqet madwar 4,5 miljun barmil kuljum fl-2017 bħala medja appoġġat l-ekonomija u d-dħul tal-Istat. Madankollu, ix-xokk tal-kollass fil-prezz taż-żejt flimkien ma' dak tal-kunflitt armat fl-2016 daħħal lill-ekonomija mhux ibbażata fuq iż-żejt f'reċessjoni u lill-finanzi pubbliċi f'defiċit qawwi ta' 14 % tal-PDG. Sadanittant f'Lulju 2016 il-Gvern daħal f'Arranġament ta' Riżerva (Stand-By Agreement, SBA) mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) li jipprovdi għal USD 5,3 biljun ta' sostenn li minnhom sa issa ġew żborżati USD 2,1 biljun. Il-G7, inkluża l-UE, qed jappoġġa l-arranġament li huwa kondizzjonali fuq programm ta' riformi fiskali u ekonomiċi. Fi tmiem l-2017, il-kontinwazzjoni tal-SBA tal-FMI jinsab f'riskju minħabba li l-politika fiskali tal-Gvern Iraqi ma tirriflettix biżżejjed il-programm ta' riforma maqbul. Jekk il-programm ifalli, dan iwassal biex jikkomprometti l-kapaċità tal-Iraq li jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu u jrendi l-appoġġ sostanzjali tal-G7 ineffettiv.

B'mod ġenerali, l-ekonomija tal-Iraq kienet f'reċessjoni matul l-2017 bi prospettivi ftit aktar pożittivi għall-2018 li però jiddependu mis-sitwazzjoni tas-sigurtà u mis-suq taż-żejt. Għall-2017 l-Iraq ftiehem fl-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi li Jesportaw iż-Żejt (Organisation of Petroleum Exporting Countries, OPEC) li jnaqqas il-produzzjoni taż-żejt b'6 %, li llimita t-tkabbir tal-PDG u naqqas id-dħul pubbliku. Peress li ftehim tal-OPEC ġie estiż, id-dħul pubbliku miż-żejt mhux mistenni li jirkupra b'mod sinifikanti fl-2018 u hemm bżonn ta' miżuri ta' awsterità aktar stretti sabiex ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-SBA u l-finanzi

tal-gvern iżommu fil-wiċċ. Għalhekk, l-Iraq jista' biss jikseb l-istabbiltà makroekonomika tant meħtieġa u jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu jekk iżid ir-ritmu tar-riformi tal-governanza u dawk fiskali li kienu diġà skadew qabel il-kriżi tas-sigurtà. Fil-futur iridu jiġu affaċċati piżijiet finanzjarji u ekonomiċi kbar fid-dawl ta' sfidi umanitarji, ta' stabilizzazzjoni u rikostruzzjoni - il-kont tar-rikostruzzjoni ta' wara d-Da'esh huwa attwalment stmat mill-Gvern Iraq li jitle' għal USD 150 biljun. L-ispejjeż soċjali ta' rikostruzzjoni se jkun enormi, pereżempju għar-riintegrazzjoni ta' miljuni ta' persuni spostati internament, persuni b'diżabilità u trawmatizzati, veterani u zgħażaġh b'edukazzjoni interrotta. Barra minn hekk, il-pajjiż qed jiffaċċa taqtigħa iebes biex jiġġenera impjiegi għal popolazzjoni żaġġuħa li qed tikber b'rata mgħaġġla. Il-prezzijiet baxxi taż-żejt huma opportunità biex tiġi promossa d-diversifikazzjoni ekonomika, iżda filwaqt li din it-trasformazzjoni strutturali normalment tiegħu ħafna snin, huma meħtieġa miżuri immedjati biex il-popolazzjoni żaġġuħa li dejjem qed tikber tiġi integrata fis-suq tax-xoġhol. Is-settur pubbliku ma jistax ikompli jipprovdilhom impjieg kif għamel matul l-era tal-prezzijiet għoljin taż-żejt, u dan jenfasizza l-importanza li jkun hemm żvilupp qawwi tas-settur privat u tal-investment dirett barrani (IDB) li jistgħu jsiru mutur b'saħħtu għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi.

1.5 L-isfida tal-migrazzjoni: L-Iraq huwa kemm pajjiż ospitanti għar-refuġjati kif ukoll pajjiż ta' oriġini ta' flussi sinifikanti ta' migrazzjoni. Il-pajjiż jospita 250,000 refuġjat Sirjan, lil hinn mit-tliet miljun persuna spostati internament. L-għadd kbir ta' persuni spostati internament, flimkien ma' kundizzjonijiet diffiċli ta' ritorni lejn żoni liberati u s-sitwazzjoni politika u ekonomika instabbli tkompli żżid ir-riskju ta' flussi migratorji, kemm fl-Iraq kif ukoll lejn l-Ewropa. Bejn l-2014 u l-2016 aktar minn 135 000 Iraq i waslu b'mod irregolari fl-UE. L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati minn ċittadini Iraqini fl-UE laħaq 125 286 fl-2016. Wara li bdiet l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija⁵ l-għadd ta' wasliet irregolari fl-UE naqas b'mod sinifikanti, iżda r-riskju tal-migrazzjoni irregolari fl-UE baqa' għoli. Kważi 7 500 Iraq i waslu b'mod irregolari fl-UE fl-2017 (Jannar-Settembru). Sa issa rritornaw lejn l-Iraq proporzjon limitat biss ta' Iraqin li kienu fl-fl-UE b'mod irregolari⁶. Madankollu, hemm żieda kostanti fir-ritorn volontarju mill-UE għall-Iraq⁷. Fl-istess ħin hemm tendenza ta' tnaqqis fir-rata ta' rikonossiment tal-ażil⁸ li tirriżulta f'żieda ta' Iraqini soġġetti għal ritorn mill-UE, anke minħabba t-titjib tas-sitwazzjoni fl-Iraq u r-rebħa fuq Da'esh.

1.6 L-isfida reġjonali: Ir-relazzjonijiet tal-Iraq mal-ġirien tiegħu għandhom sehem importanti fl-istabbiltà tal-pajjiż u fil-programm ta' riforma politika u ekonomika tiegħu. L-Iraq dejjem kien f'salib it-toroq bejn id-differenzi settarji fir-reġjun, u huwa fl-interessi fundamentali tiegħu li dawn ma jiġġravawx. L-ordni ta' wara d-Da'esh joffri lill-Iraq **opportunitajiet ġodda għal impenn b'ekwilibrju ġdid mal-ġirien kollha tiegħu** kif ukoll riintegrazzjoni fl-ekonomija reġjonali, li jimxu fuq il-passi pożittivi li ttieħdu mill-Gvern Iraq sa issa biex ikun

⁵ <http://www.consilium.europa.eu/mt/policies/migratory-pressures/countries-origin-transit/eu-turkey-statement/>
⁶ 17 065 ritorn fl-2016, jiġifieri 50 % tar-rata ta' ritorn, 4 950 ritorn fl-2015, jiġifieri 16 %, tar-rata ta' ritorn - data tal-Eurostat.

⁷ 11 723 fl-2016, meta mqabbla ma' 3 237 fl-2015 – data tal-IOM.

⁸ 84 % fl-2015, 62 % fl-2016, 53 % fit-tieni trimestru tal-2017 –data tal-Eurostat

hemm djalogu mal-ġirien kollha tal-Iraq. Dan jista' jkollu rwol importanti biex jonqsu u jikkalmaw it-tensjonijiet reġjonali, fl-interess ġenerali tal-Iraq u tar-reġjun kollu, inkluż fil-kuntest tal-kriżi fis-Sirja.

2. L-oġġettivi strateġiċi tal-UE fl-Iraq

Sabiex tgħin lill-Iraq jegħleb l-isfidi interni tiegħu, l-UE identifikat għadd ta' oġġettivi strateġiċi li se jiggwidaw l-appoġġ tagħha lill-Iraq matul l-ħames snin li ġejjin. Minħabba l-għadd kbir ta' sfidi, l-UE jeħtieġ li taħdem lejn l-oġġettivi kollha fl-istess ħin. L-oġġettivi strateġiċi tal-UE jeħtieġ li jinkludu:

- Li tinżamm **l-unità, is-sovranità u l-integrità territorjali** tal-Iraq.
- Li tissaħħaħ is-sistema politika Iraqina billi jingħata appoġġ lill-isforzi tal-Iraq biex jistabilixxu **sistema governattiva li hija bbilanċjata, responsabbli u demokratika** li tirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Titjib fis-settur tas-sigurtà ċivili, speċjalment fl-infurzar tal-liġi, u amministrazzjoni ċentrali u lokali li hija effiċjenti u responsabbli huma parti essenzjali minn dan.
- Jingħata appoġġ lill-awtoritajiet Iraqin għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' rispons komprensiv u strateġiku għall-bżonnijiet ta' prijorità fil-pajjiż wara d-Da'esh. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-provvista ta' għajjnuna umanitarja, appoġġ għall-irkupru bikri, l-istabilizzazzjoni, l-iżvilupp u r-rikostruzzjoni. Dan l-appoġġ jeħtieġ li jingħata mingħajr xkiel kemm jista' jkun sabiex jiġi evitat ritorn għall-vjolenza.
- Tingħata promozzjoni fl-Iraq lit-**tkabbir ekonomiku sostenibbli bbażat fuq l-għarfien u inklussiv** li jista' jiġġenera l-impjiegi u perspettiva ekonomika għall-popolazzjoni żagħżuġha li qed tikber f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
- Jingħata appoġġ lir-reżiljenza statali u tas-soċjetà fl-Iraq permezz ta' politiki nazzjonali biex jippromwovu, *inter alia*, id-diversità etnika u reliġjuża tal-Iraq, it-tiżiħ tal-**identità nazzjonali tiegħu u r-rikonċiljazzjoni** fost il-komunitajiet differenti tiegħu, abbażi ta' ċittadinanza ugwali, u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili vibranti.
- Tingħata promozzjoni lil **sistema ġudizzjarja effettiva u indipendenti** u l-infurzar effiċjenti tagħha sabiex titjeb l-akkontabilità pubblika ġenerali, inkluż li ssir ġustizzja għad-delitti tad-Da'esh.
- Jiġi stabbilit **djalogu dwar il-migrazzjoni** mal-Iraq sabiex jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni irregolari, biex l-awtoritajiet Iraqin jingħataw għajjnuna effettiva fil-ġestjoni tal-flussi migratorji, b'mod partikolari t-tiżiħ tal-kooperazzjoni f'oqsma ta' prijorità bħar-riammissjoni ta' Iraqini irregolari mill-UE (inkluż qbil dwar proċeduri li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u r-ritorn tal-persuni rimpatrijati), l-assistenza fil-ġestjoni tal-fruntieri, il-faċilitazzjoni ta' kuntatti mad-dijaspora Iraqina

fl-UE, l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni dwar ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.

- Jingħata appoġġ lir-**relazzjonijiet tajba tal-Iraq mal-ġirien kollha tiegħu** u tingħata promozzjoni lir-rwol tiegħu bħala kontributor għall-paċi fir-reġjun.
- Tiġi segwita **sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-Iraq** b'mod ġenerali.

L-UE jeħtieġ li ssegwi dawn l-oġġettivi permezz ta' approċċ komuni għall-politiki tagħha u mal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, l-iżvilupp ekonomiku, l-investment u l-governanza tajba, il-kummerċ, l-ġhajjnuna umanitarja u l-migrazzjoni, filwaqt li tfittex koerenza sħiħa mal-isforzi li jinsabu għaddejjin tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, in-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), il-Bank Dinji (WB), il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u sħab oħra.

3. L-appoġġ tal-UE sa issa

Mill-2003 'l hawn, l-UE kienet qed tappoġġa t-trasformazzjoni tal-Iraq fi stat demokratiku inklużiv imsejjes fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, fl-2012 l-UE u l-Iraq qablu fuq sħubija fit-tul fil-forma ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq (FSK) li ġie applikat proviżorjament u se jidħol fis-seħħ fi żmien qasir⁹. F'dawn l-aħħar tliet snin l-UE tat appoġġ qawwi lill-Gvern tal-Iraq fil-ġlieda tiegħu kontra d-Da'esh u fl-isforzi tiegħu biex iwettaq il-progress tant meħtieġ fir-riformi u r-rikonċiljazzjoni kif ġie diġà rifless fl-Istrateġija Reġjonali tal-UE tal-2015 għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll it-theddida tad-Da'esh¹⁰. Fil-perjodu 2014–2017 l-appoġġ tal-UE waħdu kien ammonta għal aktar minn EUR 650 miljun. Fl-allokkazzjoni ta' dawn il-fondi, l-UE minn dejjem ħadet approċċ ta' "l-Iraq kollu kemm hu", li kien jinkludi:

- ġhajjnuna umanitarja u appoġġ għar-reżiljenza sinifikanti fuq il-bażi ta' ħtiġijiet u vulnerabbiltà għal-popolazzjonijiet milquta minn kunflitt, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' spostament u fejn in-nies setgħu jirritornaw lejn żoni riakkwistati; il-promozzjoni umanitarja tal-UE wasslet għal sforzi mmirati lejn il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili matul u wara konflitti armati, biex jiġi żgurat ir-rispett tad-Dritt Internazzjonali Umanitarju u appoġġat l-assistenza umanitarja u l-protezzjoni;

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2012/418 tal-21 ta' Diċembru 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (ĠU L204, 31.7.2012, p.18) u t-test tal-Ftehim (p. 20). Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim se japplika provviżorjament skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni.

¹⁰ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52015JC0002&qid=1515576493647&from=EN>

- appoġġ għall-istabilizzazzjoni fiż-żoni liberati u għall-bini tal-kapaċitajiet fis-settur tas-sigurtà - l-UE aġixxiet bħala l-koordinatur u kontributor ewlieni għall-Mitigazzjoni tal-Periklu ta' Splussivi (Explosive Hazard Mitigation, EHM);
- servizzi ta' konsulenza għall-isforzi ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali u lokali, f'qafas ta' titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
- appoġġ għal titjib fil-governanza lokali u nazzjonali;
- appoġġ għal edukazzjoni inklużiva, ekwitabbli u ta' kwalità.

Dan ġie ssupplimentat bi sforzi diplomatiċi tal-UE sabiex jiġi massimizzat l-appoġġ internazzjonali lill-Iraq fil-ġlieda tiegħu biex jelimina d-Da'esh.

4. Miżuri ta' politika tal-UE li jappoġġaw l-oġettivi strateġiċi

Sabiex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha, l-UE jeħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-Iraq fl-oqsma li ġejjin:

4.1 Ikompli t-twassil ta' għajnuna umanitarja u appoġġ għar-reżiljenza liċ-ċittadini Iraġini fi spostament fit-tul

L-Iraq mhuwix pajjiż fqir, iżda snin ta' kunflitt u l-isforz biex tiġi eliminata d-Da'esh kellhom riperkussjonijiet gravi fuq il-pajjiż. Bħala riżultat l-Iraq għandu ħafna foqra, anki nies fi stat ta' destituzzjoni. L-konsegwenzi umanitarji tal-kunflitt, fl-iskala u l-profondità sħiħa tagħhom, issa biss qed isiru kompletament viżibbli. Il-kapaċitajiet ta' rispons nazzjonali u lokali waslu sal-punt li jċedu fil-punt tat-tkissir u jeħtieġu l-impenn sostnut ta' atturi internazzjonali, fejn l-UE taspira li taqdi rwol ewlieni fir-rispons umanitarju u ta' rkupru bikri. L-oġettiv tal-UE għalhekk għandu jkun li tgħin biex timla d-distakk u **tippermetti li l-istat Iraġi jilħaq aħjar il-ħtiġijiet tal-poplu tiegħu.**

L-assistenza umanitarja tal-UE fl-Iraq jeħtieġ li tkompli tipprovdi għajnuna u protezzjoni lill-Iraġini kollha milquta mill-kunflitt u se ssaħħaħ il-promozzjoni għall-ħarsien tagħhom b'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Iraq, mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u mal-Prinċipji Gwida dwar l-Ispostament Intern.

Jeħtieġ li jingħata appoġġ addizzjonali tal-UE biex jgħin li tiġi indirizzata t-tbatija akuta u fit-tul tal-popolazzjonijiet milquta mill-kunflitt. F'dan ir-rigward, il-provvediment ta' servizzi ta' għajnuna diretta se jkun kruċjali għal min ikun ġarrab ħsara fiżika u trauma, vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u dik sesswali relatata mal-kunflitti, għal familji li tilfu qraba fil-ġlied, kif ukoll għad-detenu ti u l-qraba tagħhom. L-assistenza umanitarja u għar-reżiljenza fit-tul tal-UE se tkompli wkoll tappoġġa lill-awtoritajiet Iraġini fil-forniment tal-bżonnijiet tal-familji u individwi li ġew ostakolati milli jirritornaw lejn iż-żoni ta' oriġini tagħhom u kienu soġġetti għal spostament sekondarju jew fit-tul minħabba l-kunflitt bejn il-komunitajiet. Il-forniment ta' servizzi bażiċi ta' sostenn għall-ħajja u l-promozzjoni tal-aċċess tagħhom għal soluzzjonijiet dejjiema għas-sitwazzjoni tagħhom ta' spostament sfurzati se jkunu essenzjali. Sabiex tgħin lill-Iraq jegħleb il-ħtiġijiet tiegħu għall-assistenza ta' emerġenza malajr u bl-

aktar mod effettiv possibbli, l-UE jeħtieġ li tfittex li tagħmel l-aħjar użu possibbli bejn l-istrumenti varji tagħha u li jkun hemm interazzjoni bejniethom.

4.2 Tiġi ffaċilitata l-istabbilizzazzjoni tat-territorji liberati u l-irkupru bikri biex jingħata appoġġa lir-ritorn ta' persuni spostati b'mod sikur, volontarju u dinjituż

Objettiv ewlieni għall-UE fl-ewwel 18-il xahar wara r-rebħa territorjali kontra d-Da'esh jeħtieġ li jkun li tappoġġa l-isforzi tal-Gvern Iraq biex **jstabilizza ż-żoni liberati u biex jiffaċilita r-ritorn sikur, informat, volontarju u dinjituż ta' ċittadini spostati** lejn id-djar leġittimi tagħhom malajr kemm jista' jkun, inkluż il-gruppi ta' minoranza. Dan huwa essenzjali biex jiġu miġġielda d-diżillużjoni u n-nuqqas ta' tama - art għammiela għall-estremiżmu u l-vjolenza- li jista' jgħib miegħu l-ispostament fit-tul. L-istabbilizzazzjoni u r-ritorni huma wkoll fattur kruċjali għall-istabbiltà fit-tul u għall-preservazzjoni tad-diversità tal-pajjiż, u jaġixxu bħala diżinċentiv għall-migrazzjoni irregolari u l-eżodu tal-imħuħ bl-impatt negattiv tiegħu fuq il-prospetti fit-tul ta' tkabbir fl-Iraq.

L-isforzi ta' appoġġ tal-UE għall-istabbilizzazzjoni jeħtieġ li jkomplu jipprovdu appoġġ qawwi lill-isforzi ta' Mitigazzjoni tal-Periklu ta' Splussivi (it-tneħħija ta' bombi moħbija u splussivi li diġà qatlu nies li kienu qed jirritornaw) li minħabba l-kontaminazzjoni mifruxa, huwa prekursor essenzjali ta' għadd ta' attivitajiet oħra ta' stabilizzazzjoni. L-UE se tkompli tikkoordina s-Sottogrupp dwar l-EHM fil-grupp ta' ħidma ta' stabilizzazzjoni tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh billi timplimenta l-approċċ il-ġdid "imħallat" li jiġbed b'mod komprensiv mir-riżorsi u l-kapaċitajiet kollha tal-EHM kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali disponibbli fl-Iraq.

Barra minn hekk, taħt l-awspiċi tal-Gvern tal-Iraq, u bl-appoġġ tal-Koalizzjoni Globali biex jingħeleb id-Da'esh, u n-NU u mezzi xierqa oħra, l-UE jeħtieġ li tagħti għajjnuna finanzjarja fl-oqsma ta' hawn taħt, u jeħtieġ li tinsisti fuq l-involvement sħiħ tan-nisa u taż-żgħażaġh f'dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

- a) ir-restawr ta' servizzi pubbliċi ewlenin (pereżempju l-elettriku, l-ilma u s-sanità, il-kura tas-saħħa, inklużi miżuri biex jitnaddfu postijiet immiġġsa) u infrastruttura ħafifa essenzjali;
- b) l-appoġġ għall-mezzi tal-għajxien bħala sors ta' dħul lill-familji li jirritornaw u tingħata spinta lill-ekonomija;
- c) il-bini ta' kapaċità tal-amministrazzjoni lokali, l-istabiliment ta' governanza effettiva u l-involvement fil-komunità;
- d) ir-rikonċiljazzjoni tal-komunità: huwa essenzjali li l-appoġġ għall-istabbilizzazzjoni ikun inklużiv favur persuni partikolarment vulnerabbli. Għajjnuna aktar effettiva u responsabbli permezz tar-riforma mill-qiegħ tas-sistemi attwali tal-protezzjoni soċjali għalhekk se tkun essenzjali.

4.3 Ir-ristrutturar u l-appoġġ lis-settur tas-sigurtà ċivili, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

Riforma mill-qiegħ tas-setturi tas-sigurtà ċivili u militari fl-Iraq se jkunu kruċjali biex tiġi żgurata l-istabbiltà fit-tul. L-UE se tikkonċentra l-appoġġ tagħha f'dan il-qasam fuq is-settur tas-sigurtà ċivili, billi tibbaża ruħha fuq il-kapaċitajiet ta' diversi Stati Membri. Sabiex jerġa' jikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Iraċini, il-Gvern se jkollu juri l-kapaċità tiegħu li jipprovdi s-sigurtà u l-istat tad-dritt permezz ta' forzi tas-sigurtà ċivili regolari li huma affidabbli u li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, huma f'sintonija mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini u jikkostitwixxu l-uniċi fornituri tas-sigurtà.

F'dan ir-rigward, u sabiex twieġeb għat-talba għal appoġġ mill-awtoritajiet Iraċini fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, f'Novembru 2017 l-UE bagħtet lejn l-Iraq **Skwadra tal-UE ta' Konsulenza u Assistenza għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (EUAM Iraq)**¹¹ biex tgħin lill-awtoritajiet Iraċini jsaħħu l-istituzzjonijiet tal-istat u l-governanza f'konformità mal-Istrateġija ta' Sigurtà Nazzjonali tal-Iraq. Din il-Missjoni ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE (PSDK), se tippermetti li l-UE tipprovdi konsulenza strateġika dwar il-politika lill-Uffiċċju tal-Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali u lill-Ministeru tal-Intern u tivvaluta l-possibbiltà ta' involviment usa' tal-UE fil-futur. Jeħtieġ li tingħata konsulenza strateġika dwar il-politika ta' sigurtà ġenerali, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, fil-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, u fir-riforma istituzzjonali. Hija se tippromwovi wkoll koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-komunità internazzjonali u l-awtoritajiet Iraċini rilevanti fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Iraċin. B'hekk il-Missjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet Iraċini, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Istati Membri, kif ukoll ma' sħab oħra, inkluż in-NU (il-Programm ta' Żvilupp tan-NU – UNDP – u l-Missjoni ta' Assistenza tan-NU għall-Iraq - UNAMI- fost l-oħrajn) mal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u n-NATO, sabiex jiġu stabbiliti limiti ċari bejn l-appoġġ għas-settur militari u ċivili. L-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-eks ġellieda se jkun parti integrali mir-riforma peress li huwa kwistjoni ewlenija fl-istabbilizzar tal-pajjiż. Dan jista' jinkiseb billi jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' impjeg u bl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom f'soċjetà paċifika.

L-UE jeħtieġ ukoll li tkompli tagħti appoġġ kontinwu lill-isforzi wiesgħa tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh kontra t-terroriżmu, kif ukoll tan-NU, li għandhom impatt dirett fuq it-taqbida tal-Iraq kontra l-estremiżmu vjolenti. L-UE jeħtieġ li tfttex li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Iraq biex jindirizza t-theddid terroristiku, permezz ta' dialogu dwar kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u miżuri biex ikun miġġieled l-estremiżmu vjolenti li jistgħu jwasslu għal aktar appoġġ u konsulenza teknika. Peress li l-Iraq qiegħed fil-listi kemm tal-UE kif ukoll tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF) ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus / il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, għandu jindirizza din il-kwistjoni bħala kwistjoni ta' prijorità, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UE.

¹¹ Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017

4.4. Ir-riforma politika, it-titjib fil-governanza, id-drittijiet tal-bniedem u r-rikonċiljazzjoni

L-għan ewlieni tal-politiki tal-UE fl-Iraq huwa li l-Gvern tal-Iraq ikollu appoġġ fit-tweqqi tar-riforma politika li twassal għal aktar **inklużività politika u ta' proċess sostnut ta' rikonċiljazzjoni**.

Il-progress fir-riformi, f'konformità mal-programmi ta' riforma 2014 u 2015 tal-Gvern Iraqi huwa essenzjali. Dawn ir-riformi jeħtieġ li jiffukaw fuq it-titjib tal-governanza politika demokratika, l-inklużività, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċittadinanza ugwali, id-distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u dawn huma kruċjali għal kwalunkwe tentattiv biex il-pajjiż jiġi stabbilizzat, tiġi promossa l-paċi u tiġi ġġenerata l-prosperità għall-Iraqini kollha. Il-pass tar-riformi sa issa kien kajman. Madankollu, hemm sinjali inkoraġġanti li qed jinbena *momentum* ġdid ta' appoġġ għar-riformi fost is-settur pubbliku u s-soċjetà ċivili tal-Iraq kif rifless f'dimostrazzjonijiet pubbliċi u kampanji online li saru, anki meta l-pajjiż kien qed jitqabad mad-Da'esh. Imsaħħaħ bir-rebħa kontra d-Da'esh u mill-preservazzjoni tal-integrità territorjali tal-pajjiż, il-Gvern tal-Iraq jeħtieġ li jaħtaf din l-opportunità biex jagħti haġja ġdida lill-isforzi tiegħu u biex jaħdem lejn ir-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt.

L-UE jeħtieġ tkompli tagħti appoġġ lil inizzjattivi ta' rikonċiljazzjoni, jekk xieraq, f'koordinazzjoni mal-UNAMI. Għan ewlieni għall-UE f'dan ir-rigward jeħtieġ li jkun li tagħti appoġġ lill-medjazzjoni u d-djalogu li jimmiraw mhux biss lejn il-livell nazzjonali, iżda wkoll lejn il-livelli lokali u reġjonali. Sakemm l-isforzi ta' riforma u rikonċiljazzjoni tal-Gvern Federali juru progress sodisfaċenti, l-UE jeħtieġ li tkun lesta li tinvesti f'appoġġ għall-governanza tajba li jkun immirat lejn l-istituzzjonijiet statali Iraqin li huma rappreżentattivi, inklużivi u jirriflettu l-identità Iraqina komuni u jiġi evitat is-segwitu ta' interessi settarji dojoq. Tali appoġġ istituzzjonali jkun jista' jservi bħala sostenn kritiku li jikkompleta l-isforzi ta' riforma u ta' rikonċiljazzjoni tal-Gvern li huma mmirati lejn l-istess għanijiet u jagħmilhom aktar sostenibbli. L-UE tinsab ukoll lesta li tagħti appoġġ għar-riformi politiċi, biex il-proċess elettorali jitwettaq b'konformità ma' standards u impenji internazzjonali, kif ukoll għall-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa biex **jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**. il-parteċipazzjoni sħiħa tal-atturi tas-soċjetà ċivili hija essenzjali għas-suċċess tal-proċess ta' riforma. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari wkoll **lir-rappreżentazzjoni xierqa tan-nisa, iż-żgħażaġh u persuni li jappartjenu għal minoranzi** permezz ta' pjattaformi adegwati għall-inklużjoni tagħhom.

L-isfida biex jiġu stabbilizzati u rrestawrati s-sigurtà u l-governanza immexxijin mis-soċjetà ċivili fiż-żoni liberati tellgħet fil-wiċċ mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni futura bejn l-awtoritajiet federali u l-governorati, speċjalment fir-rigward tal-kontroll tal-forzi ta' sigurtà, ir-riżorsi u l-istabbiliment ta' governanza lokali li tkun rappreżentattiva u effettiva. L-UE tinsab lesta biex tappoġġa kull miżura ta' deċentralizzazzjoni / dekonċentrazzjoni li l-Iraq jista' jixtieq jieħu fil-qafas kostituzzjonali federali, sakemm dawn il-miżuri jkunu parti mir-riforma usa'. Hija lesta wkoll biex tipprovdi l-bini ta' kapaċità lill-awtoritajiet ċivili għall-governanza ċivili meta

jitrattaw l-isfida tal-istabbilizzazzjoni. Dan l-appoġġ ikun ibbażat fuq pjan li għandu jitthejja mill-Gvern Iraqi.

4.5 Riżoluzzjoni tat-tilwim bejn il-Gvern Federali u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan permezz ta' djalogu kostruttiv

Is-suċċess tal-kampanja militari ta' Mosul kien f'parti mhux żgħira dovut għall-kooperazzjoni tajba u l-unità tal-intenzjonijiet bejn il-Gvern Federali u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan. Dawn ir-relazzjonijiet tajbin ġew mhedda minn deċiżjoni unilaterali tar-Reġjun tal-Kurdistan biex isir referendum dwar l-indipendenza. L-UE għandha tibqa' totalment impenjata favur l-unità tal-Iraq u jeħtieġ li tinkoraġġixxi lill-partijiet biex ikebbu mill-ġdid dan l-ispirtu ta' kooperazzjoni sabiex tissaħħaħ l-ordni federali tal-Iraq, u sabiex jiġu indirizzati punti ta' nuqqas ta' qbil li ilhom żmien twil ixekklu r-relazzjonijiet. Dan jeħtieġ li jinkludi r-risoluzzjoni tat-tilwim fuq iż-żejt u t-tqassim tad-dħul u tinstab soluzzjoni rigward iż-żoni tal-fruntiera li hemm nuqqas ta' qbil dwarhom (DIBs) permezz ta' proċess ta' djalogu kostruttiv bejn il-Gvern Federali u tal-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan abbażi tal-Kostituzzjoni Iraqina u r-responsabbiltajiet u l-prerogattivi rispettivi tal-partijiet. L-UE temmen li **djalogu sostnut dwar il-kwistjonijiet pendent kollha** huwa essenzjali sabiex jinstabu soluzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti kostituzzjonali u jsawru relazzjoni stabbli li tissodisfa liż-żewġ partijiet.

4.6 Riforri ekonomiċi u finanzjarji u l-kummerċ

L-UE tappoġġa l-intenzjonijiet tar-riforma ekonomika tal-Gvern tal-Iraq, b'mod partikolari l-għan tiegħu li jnaqqas is-sussidju u nefqa kapitali filwaqt li jinżamm il-pass tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali u t-titjib tat-trasparenza baġitarja u l-istabbiltà monetarja. L-Arranġament ta' Riżerva tal-FMI fis-seħħ bħalissa huwa kruċjali biex jgħin lill-Iraq jerġa' jikseb l-istabbiltà makroekonomika (tinżamm ir-rabta tal-munita, jitnaqqas id-defiċit fiskali, jiġu kkontrollati l-livelli tad-dejn, jitħallsu l-arretrati lill-kumpaniji taż-żejt internazzjonali, jiġu ristrutturati l-banek statali eċċ.).

Hemm bżonn ta' implimentazzjoni deċiżiva tar-riforma mill-Gvern peress li sa issa r-riforri fiskali meħtieġa u t-tnaqqis tal-iżbilanċ fiskali għal livell sostenibbli ma seħħewx. Impenn aktar kredibbli mill-Gvern tal-Iraq favur ir-riforri fiskali u ta' governanza, f'koordinazzjoni mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali huwa kruċjali biex tirmexxi t-tkomplija tal-appoġġ internazzjonali, inkluż il-programm tal-FMI. L-użu aktar effiċjenti tad-dħul sostanzjali miż-żejt u l-gass u l-mobilizzazzjoni ta' dħul mhux miż-żejt se jkun meħtieġ għas-sostenibbiltà fiskali, għall-iżvilupp ekonomiku li se jgħallq impjiegi għall-popolazzjoni żagħżuġha tal-pajjiż, li hija waħda mill-aħjar difiżi kontra l-attraenza tal-ideoloġija terroristika, kif ukoll għal skopijiet ta' rikostruzzjoni. Ir-riforri strutturali huma kruċjali sabiex jitjieb l-ambjent tan-negozju tal-Iraq u biex jerġa' jkun hemm il-forniment tas-servizz tal-utilitajiet, b'mod partikolari fis-settur tal-elettriku. Ir-riforri li għaddejjin u li huma appoġġati mill-Bank Dinji, bl-appoġġ tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam ta' governanza tajba, il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, ir-riforma tal-intrapriżi tal-istat, u r-riforma fis-settur tal-enerġija huma ta' importanza strateġika jekk l-Iraq irid

jaħsad il-benefiċċji tal-industriji estrattivi tiegħu u tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux sfruttati għall-benefiċċju tal-popolazzjoni kollha.

L-UE jeħtieġ li toffri l-għarfien espert tagħha biex tappoġġa dawn ir-riformi ekonomiċi fl-Iraq, billi tagħmel użu mid-diversi għodod li huma disponibbli għaliha, inkluż il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Iraq. Fl-ewwel stadju, l-enfasi se jkun fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji.

L-UE tikkunsidra r-rabtiet kummerċjali aktar mill-qrib mal-Iraq bħala parti importanti għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp tal-Iraq. Jeżisti potenzjal sostanzjali għal kummerċ bilaterali bejn iż-żewġ ekonomiji. L-investment mill-UE se jkollu effett pożittiv ħafna fuq l-iżvilupp tal-Iraq. L-UE jeħtieġ li tkompli tappoġġa l-adeżjoni tal-Iraq fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u tinkoraġġixxi lill-Iraq biex japplikaw għal assistenza mill-Bank Dinji (Programm ta' Appoġġ dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ) sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni tal-Iraq fl-ekonomija globali.

4.7 Appoġġ għal sistema ta' ġustizzja effettiva u indipendenti u l-ġustizzja tranżitorja

L-UE jeħtieġ li tappoġġa l-Gvern fl-iżvilupp ta' sistema ġudizzjarja indipendenti u effiċjenti li tirrispetta l-valuri demokratiċi, il-prinċipji ta' governanza tajba, l-istat tad-dritt u n-normi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa kruċjali li ssir riforma radikali tas-sistema penitenzjarja u tal-kondizzjonijiet legali tad-detenzjoni, b'mod partikolari għal individwi detenuti għal raġunijiet ta' skrinjar, b'konformità mal-liġijiet nazzjonali u internazzjonali u standards li jiżguraw kundizzjonijiet umani ta' detenzjoni. Jekk din il-problema ma tiġix indirizzata se tipperikola l-isforzi ta' stabbilizzazzjoni u ta' rikonċiljazzjoni.

Id-delitti orrendi tad-Da'esh ikkawżaw tbatija immensa għall-vittmi u l-familji tagħhom. Huwa essenzjali li l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni jkunu jinkludu proċess li jwassal għall-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għal dawn ir-reati kollha, iwasslu l-ġustizzja u kumpens għall-vittmi, u li jiġu integrati fi **proċess usa' ta' ġustizzja transizzjonali**, biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem u għall-abbużi kollha mwettqa fil-kuntest tal-kunflitt. L-UE jeħtieġ li tfittex ukoll li tappoġġa l-isforzi internazzjonali biex timpedixxi t-traffikar ta' beni kulturali u biex jiġi restawrat u mħares il-wirt kulturali tal-Iraq.

Il-Gvern Iraqi qabel, skont ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2379(2017) li jżomm lid-Da'esh responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu fl-Iraq. Se jiġi immobilizzat tim tan-NU fl-Iraq sabiex jiġbor, jippreżerva, u jaħżen evidenza ta' atti li jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju li twettqu mill-grupp terroristiku fl-Iraq, filwaqt li jħaddem rispett sħiħ għas-sovranià tal-Iraq u ġurisdizzjoni fuq reati mwettqa fit-territorju tiegħu. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi tal-Gvern tal-Iraq f'dan ir-rigward, u diġà ħadet passi biex trawwem kooperazzjoni bbażata fuq l-interessi komuni tal-Iraq u tal-UE f'dan il-qasam. Meta wieħed iqis li proporzjon ta' ġellieda barranin li nġhaqdu mad-Da'esh huma minn Stati Membri tal-UE, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti tagħhom fi proċedimenti kriminali indipendenti li jaderixxu għall-prinċipji tal-proċess dovut li huma

konsistenti mal-liġi internazzjonali, huma wkoll prijorità urġenti għall-UE. L-għanijiet tal-UE f'dan ir-rigward huma allinjati mill-qrib mal-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Pariġi¹² u mal-Prijoritajiet għal Azzjoni ta' Madrid¹³ dwar l-obbligu ta' rendikont għad-delitti tad-Da'esh.

4.8 Appoġġ għal edukazzjoni inklużiva, ekwitabbli u ta' kwalità

Il-kriżi reċenti fixklet sew is-sistema edukattiva fl-Iraq u huwa stmat li 3,5 miljun tifel u tifla ma jmorrux skola. Hemm hteġa urġenti li jingħata taħriġ lill-għalliema, jiżdied l-għadd ta' binjiet tal-iskejjel u jiġu indirizzati l-ostakli li t-tfal jiffaċċaw biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni sabiex **jiġi evitat il-ħolqien ta' "ġenerazzjoni mitlufa"**. L-UE jeħtieġ li żżid l-appoġġ tagħha għal edukazzjoni primarja u sekondarja b'fowkus fuq ir-riforma tal-edukazzjoni, l-istabbiliment mill-ġdid ta' kurrikuli nazzjonali fiż-żoni liberati, u aċċess għal tfal spostati u dawk li jgħixu f'żoni rurali. Barra minn hekk jeħtieġ li tkompli l-appoġġ tagħha għal opportunitajiet ta' edukazzjoni għolja għal kulħadd u b'mod partikolari għall-persuni spostati u r-refuġjati. Prijorità importanti għall-UE fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jeħtieġ li tkun li jiġi massimizzat l-aċċess tal-bniet għal edukazzjoni fil-livelli kollha, inkluż dawk li sa issa kienu esklużi.

Meta wieħed jikkunsidra l-potenzjal sħiħ tal-edukazzjoni bħala katalizzatur għall-iżvilupp, l-UE jeħtieġ li tappoġġa lill-Iraq fir-riforma politika u tal-governanza f'dan is-settur, billi toħloq kondizzjonijiet li jippermettu t-tagħlim, il-bini tal-kapaċitajiet tal-edukaturi, kif ukoll li jemanċipaw liż-żgħażaġ permezz ta' inizjattivi mmexxijin lokalment. Dan jeħtieġ li jsir id f'id ma' sistema sostenibbli għall-protezzjoni tat-tfal bħala parti minn governanza mtejba tal-pajjiż. L-isforzi biex jissaħħa u jingħata appoġġ lill-istituzzjonijiet akkademiċi Iraqini, b'mod partikolari l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka – li darba kienu fost l-aqwa fir-reġjun – huma essenzjali wkoll.

4.9 Ġestjoni tal-migrazzjoni

It-taħditiet mal-Iraq dwar il-migrazzjoni saru għal bosta snin fil-qafas tal-proċess reġjonali ta' Budapest. F'Ġunju 2017, il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE tenna li l-UE għadha impenjata ħafna fl-appoġġ tagħha għall-irkupru tal-Iraq, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Iraq, inkluża l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha, u sejjaħ biex l-Iraq jikkoopera aktar fl-iffaċilitar tar-ritorn tal-Iraqini lejn pajjiżhom.

Filwaqt li tibni fuq iż-żjara teknika ta' rappreżentanti tal-UE fl-Iraq f'Diċembru 2017, l-UE għandha l-għan li tiżviluppa **approċċ imfassal apposta għall-ġestjoni tal-migrazzjoni** għall-benefiċċju kemm tal-UE kif ukoll tal-Iraq. Il-kooperazzjoni se tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi mwettqa f'konsultazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet. Din se tiffoka fuq oqsma prijoritarji bħal kooperazzjoni msaħħa fir-riammissjoni ta' migranti irregolari Iraqin mill-UE b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-istandards internazzjonali, tingħata

¹² <https://www.diplomatie.gouv.fr/en/country-files/north-africa-and-middle-east/events/article/the-paris-action-plan-09-08-2015>

¹³ http://www.exteriores.gob.es/Portal/es/SalaDePrensa/ElMinisterioInforma/Documents/20170524_MADRID%20PRIORITIES%20FINAL.pdf

assistenza fit-tisħiħ tar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni dwar ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari, u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. Il-partijiet qablu li jaççettaw mill-ġdid il-migranti illegali tagħhom, inkluż dawk li jagħżlu li jirritornaw volontarjament.

5. Implimentazzjoni u impenn internazzjonali

Fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri stabbiliti f'din l-istrateġija, **l-UE jeħtieġ li taħdem mill-qrib mal-Gvern Iraq** biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet preċiżi u jiġu stabbiliti l-prijoritajiet. Il-koordinazzjoni mill-qrib u l-kondiviżjoni tax-xogħol mal-Istati Membri, in-NU, il-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, kif ukoll imsieħba reġjonali u internazzjonali oħra se jkunu essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-miżuri proposti. Użu sħiħ tal-mekkaniżmi stabbiliti taħt il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Iraq, se jippermetti li l-UE tagħmel monitoraġġ tal-progress u gradwalment tappfondixxi r-rabtiet tagħha mal-Iraq. L-UE se tiżgura li, kull fejn ikun possibbli n-nisa u ż-żgħażaġħ, kif ukoll is-soċjeta' ċivili Iraqina, ikunu involuti fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija, il-miżuri ta' politika u l-proċessi deskritti fiha.

Mezzi finanzjarji skont d-disponibbiltajiet tal-baġit tal-UE biex jiġu implimentati l-miżuri proposti ġew programmati fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-finanzjament jista' jkun disponibbli wkoll mill-għajnuna umanitarja u minn strumenti finanzjarji esterni oħrajn fiċ-ċiklu ta' seba' snin attwali tal-UE dwar l-ippjanar finanzjarju li jintemm fl-2020.

L-UE – flimkien ma' Stati Membri li qed jikkontribwixxu – se tesplora opportunitajiet biex testendi l-portafoll tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE ("Il-Fond Madad") fl-Iraq li jkopri l-qasam bejn l-assistenza umanitarja u dik għall-iżvilupp fuq medda itwal ta' żmien.

L-UE se tkompli wkoll tħeġġeġ u tiffinanzja l-parteciġazzjoni ta' entitajiet privati u pubbliċi Iraqini fil-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020.

Fattur kruċjali għall-ħeffa u s-suċċess fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija hija s-sitwazzjoni fl-Iraq innifsu u r-rieda u l-abbiltà tal-Gvern u taċ-ċittadini tal-Iraq biex iwettqu r-riformi meħtieġa. L-iżviluppi reali fil-post, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tas-sigurtà, l-istabbiltà politika, l-implimentazzjoni tar-riformi, kif ukoll il-progress fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali, jistgħu jirrikjedu li l-UE tbiddel il-politiki u l-istrumenti li tuża fl-Iraq. **Il-livell ta' appoġġ li l-UE twassal lill-Iraq jeħtieġ li jkun marbut mal-impenn tal-pajjiż biex jirrifirma, ir-rispett tiegħu għall-prinċipji demokratiċi, l-inklużività, in-nuqqas ta' użu ta' vjolenza u l-prijoritizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ċivili tal-istat fis-sigurtà u l-governanza politika.**

L-approċċ li jieħdu l-ġirien tal-Iraq se jkun fattur determinanti kruċjali għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż, għas-suċċess tal-proċess nazzjonali ta' rikonċiljazzjoni u fl-isforzi ta' rikostruzzjoni. Għalhekk l-UE jeħtieġ li tiddiskuti din il-kwistjoni mas-sħab fir-reġjun, biex isaħħaħ il-messaġġ li rwol kostruttiv u ta' appoġġ mill-ġirien tal-Iraq lejn il-poplu u l-Gvern Iraqin iwassal għal benefiċċji mhux biss fl-Iraq innifsu, iżda għall-istabbiltà tar-reġjun kollu.

Sabiex tgħin jiġi kkonsolidat l-impenn reġjonali u internazzjonali tal-appoġġ għall-Iraq, l-UE biġsietha tkun kopresident mal-Gvern Iraqui, il-Kuwajt, in-Nazzjonijiet Uniti, il-Bank Dinji u msieħba oħra tal-**Konferenza dwar ir-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp tal-Iraq** fi Frar 2018. Il-konferenza se tkun ospitata mill-Kuwajt u se tkun tinvolvi lid-donaturi ewlenin kollha kif ukoll lill-pajjiżi fil-viċinat tal-Iraq.

L-UE tipprevedi rieżami ta' din l-istrateġija wara sentejn, sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-azzjonijiet deskritti fih u biex isiru l-aġġustamenti kif xieraq. Dan jeħtieġ li jinkludi valutazzjoni tal-perċezzjoni tal-politiki tal-UE fost l-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Iraq, sabiex tkun żgurata l-adeżjoni kontinwa meħtieġa tal-popolazzjoni lokali u tal-Gvern Iraqui għall-impenn tal-UE.